**Ruling mogħti mill-President tal-Kamra l-Onor. Myriam Spiteri Debono, fis-Seduta 128 tal-21 ta' Ottubru 1997 dwar jekk mozzjoni dwar it-trasferiment ta' proprjetà kellhiex bżonn messaġġ tal President**

## RULING TA' MADAM SPEAKER

**MADAM SPEAKER:** Rigward il-*point of order* imqajjem mill-Onor. Eddie Fenech Adami, fejn irrifera għall-fatt lli l-mozzjoni tat-trasferiment ta' artijiet quddiem il-Kamra għandha bżonn il-messaġġ tal-President skond artiklu 73 tal-Kostituzzjoni u Ordni Permanenti 69 (a) u (b) għaliex ġie sollevat illi fid-Dokument "D" anness ma' Mozzjoni Nru. 82 hemm maħfra ta' xi dejn dovut lil Malta dan ma japplikax għal dan il-każ u dan peress li l-Abbozz ta' kuntratt li qed issir riferenza għalih fil-partijiet dispożittivi jgħid dan li ġej:

a) il-Malta Labour Party jiddelega lill-Gvern id-dritt tiegħu kontra l-Malta Shipbuilding Co. Ltd. li jiġbor ċens mhux imħallas lill-Malta Labour Party dovut mill-istess kumpannija lill-Malta Labour Party u jissurroga lill-Gvern id-drittijiet privileġġjarji u ipotekarji tiegħu;

b) in konsiderazzjoni ta' dan il-Gvern jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jxolji l-kuntratt ta' l-1979 u l-kuntratt jagħmel provvediment illi l-kundizzjonijiet ta' l-Att ta' l-1979 jinżammu fermi u saldi kontra suċċessuri fit-titolu;

c) il-Malta Labour Party jiggarantixxi li għandu jieħu mingħand il-Malta Shipbuilding somma ekwivalenti għal dik li l-Malta Labour Party għandu jagħti lill-Gvern u f'każ li l-Malta Shipbuilding ma tħallasx din is-somma lill-Gvern, il-Gvern jibqagħlu d-dritt li jitlob u jipperċepixxi l-istess somma dovuta lilu mill-Malta Labour Party għaliex hemm il-*proviso* li jibqa' dejjem l-obbligu primarju tal-Malta Labour Party li jħallas l-ammont ta' ċens dovut lill-Gvern.

Għaldaqstant m'hi qed issir l-ebda maħfra u m'hemmx bżonn messaġġ tal-President fil-każ *odjern*.